MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF PHILIP SCIBERRAS

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2004

Appell Civili Numru. 29/2003/1

**Malta Information Technology & Training Services Limited, gja Management Systems Unit Limited**

**vs**

**Michael Balzan**

**Il-Qorti,**

Fit-3 ta’ Dicembru, 2003 il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

“Il-Qorti,

Rat l-avviz fuq indikat datat l-14 ta’ Jannar tas-sena 2003 li permezz tieghu s-socjeta’ attrici sejhet lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m’ghandux ikun kkundannat:

1. Illi jhallas is-somma ta’ Lm3,392 (liema ammont diga’ gie ammess bhala dovut mill-konvenut, kif jidher mill-hawn anness dokument “A”), rapprezentanti porzjon ta’ ammont akbar imhallas mis-socjeta’ attrici fi spejjez ta’ taghlim li rcieva l-konvenut. Dan l-ammont huwa dovut ai termini ta’ klawzola 8 tal-“*Form of Undertaking*”, iffirmat bejn is-socjeta’ attrici u l-konvenut, stante illi l-konvenut naqas milli jkompli fl-impjieg tieghu mas-socjeta’ attrici ghall-perjodu ta’ tlett snin mid-data tat-terminazzjoni ta’ l-istudji tieghu, kif huwa kien marbut li jaghmel skond l-imsemmija klawsola 8 tal-‘*Form of Undertaking*’ (hawn anness bhala dokument “B”);

2. Bl-ispejjez u bl-imghax legali sa mill-prezentata ta’ dan l-avviz sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li sa minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet datata l-11 ta’ Frar tas-sena 2003 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa s-segwenti:

1. Illi preliminarjament it-talba tas-socjeta’ attrici hija nulla u dana stante illi fl-avviz mhijiex imnizzla s-somma reklamata fi kliem, kif jirrekjedi s-subartikolu (2) tal-artikolu 176 tal-Kap XII;

2. Illi bla pregudizzju ghas-sueccepit, il-“*Form of Undertaking*” iffirmat bejn is-socjeta’ attrici u l-konvenut m’ghadux japplika u ghalhekk ma jorbotx lill-konvenut, u dan peress illi r-relazzjoni bejn il-partijiet giet sussegwentement irregolata mill-*Contract of Service* iffirmat bejn il-partijiet u datat is-27 ta’ April 1998 (kopja ta’ liema hawnhekk annessa bhala “Dokument K1”), illi jistipula inter alia fis-subklawzola 2.01 illi: *This contract including Schedule `A` constitutes the entire Contract between the parties. There are no other agreements, contracts, understandings, representations or warranties either collateral, oral or otherwise.* Ghaldaqstante kwalunkwe pretensjoni tas-socjeta’ attrici originanti mill-*Form of Undertaking* ta’ l-1994 anness bhala Dokument “B” jew minn kwalunkwe tip ta’ ftehim iehor predatanti l-

imsemmi ftehim datat is-27 ta’ April 1998 hija nfondata fil-fatt u fid-dritt;

3. Illi bla pregudizzju ghas-sueccipt, il-fotokopja annessa ma’ l-avviz mis-socjeta’ attrici u illi jisimha Dokument “A” ma hijiex dokument iffirmat mil-konvenut, imma dokument redatt unilateralment mis-socjeta’ attrici jew minn persuni mqabbdin minnha, u nonostante dak illi tistqarr erroneament jew intenzjonatament is-socjeta’ attrici fl-avviz taghha, l-unika firma riprodotta fl-istess Dokument “A” mhijiex dik tal-konvenut, ghalhekk isegwi illi tali dokument ma jikkostitwixxi l-ebda ammissjoni da parte tal-konvenut, u illi l-istess Dokument “A” ma jikkostitwixxix ftehim posterjuri ghall-*Contract of Service* datat is-27 ta’ April 1998, u ghalhekk ukoll it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda;

*4.* Illi bla pregudizzju ghas-sueccepit, ma hemm l-ebda ammont dovut mill-konvenuti ai termini tal-klawzola 8 tal-*Form of Undertaking*, stante illi skond l-istess klawzola 8 il-*binding period* ta’ tliet snin ghandu jibda jiskorri mid-data wara t-terminazzjoni tal-kors ta’ studju, liema terminazzjoni hija kkwalifikata bhala biss dik espressa fil-paragrafu 7, u l-ebda miz-zewg eventwalitajiet kontemplati fil-paragrafu 7 ta’ l-istess *Form of Undertaking* ma gew fis-sehh, allura ma tissussistix terminazzjoni a tenur tal-paragrafu 8 f’dan il-kaz u ghalhekk ukoll it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda;

*5.* Illi bla pregudizzju ghas-sueccepit, il-konvenut ittermina l-kors ta’ studji tieghu iktar tard milli previst minhabba litigazzjoni bejn terzi u kieku din ma sehhitx kien ikun lesta l-kors snin qabel u ghalhekk m’ghandha tigi imputata l-ebda responsabbilita’ lilu ghal dan il-fatt;

*6.* Illi bla pregudizzju ghas-sueccepit, is-socjeta’ attrici trid turi kif waslet ghall-ammont pretiz fl-avviz;

*7.* Illi bla pregudizzju ghas-sueccepit, is-socjeta’ attrici kienet inadempjenti min-naha taghha stante

illi qatt ma appuntat il-Course Coordinator illi kienet ippromettiet ghal tali studji fi klawzola 4 tal-*Form of Undertaking* ipprezentata mis-socjeta' attrici bhala Dokument `B';

*8.* Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-proceduri odjerni jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi s-socjeta' attrici accettat li ssostni l-ispejjez konnessi ma' borza ta' studju moghtija lill-konvenut fl-1994;

2. Illi l-perjodu ta' studju involut kien ghall-perjodu specifikat u mgharuf minn qabel;

*3.* Illi pero' dan il-perjodu predeterminat gie abbundantement skadut minhabba ragunijiet li ghalihom il-konvenut kien estraneu;

*4.* Illi pero' l-konvenut intrabat li jittermina l-istudji tieghu fi zmien erba' (4) snin mill-1 t'April ta' l-1994 u fin-nuqqas kellu jirrifondi 25% ta' l-ispejjez involuti rimanenti;

*5.* Illi stante li l-konvenut meta hekk interpellat irrifjuta s-socjeta' attrici kellha tirrikorri ghal din il-procedura biex tirkupra l-ammont indikat fl-avviz li ta bidu ghal din il-procedura;

Ikkunsidrat:

Illi in effetti l-konvenut, ghalkemm ghall-ragunijiet li ma kellu l-ebda kontroll fuqhom, ma tterminax l-istudji tieghu fit-terminu pattwit fuq indikat;

Illi ghalhekk huwa lecitu li s-socjeta’ tirrikjama l-ammont meritu ta’ din il-kawza indikat fl-avviz odjern stante li l-konvenut naqas li jikkonforma mal-kondizzjonijiet minnu stess pattwiti;

Ikkunsidrat:

Illi in subsiduim ghandu jinghad li tenut kont ta’ kif zvolgew il-fatti huwa pacifiku li l-konvenut arrikka lilu nnifsu indebitament;

Illi kif kristallizzat principalment fil-kawza Said et vs Testaferrata Bonnici Ghaxaq et datata s-16 ta’ Gunju ta’ l-1936, Vol. XXIX, p.II, p.1105, mill-kompjant Imhallef l-Onor. William Harding, ir-rekwiziti ta’ l-“actio de in rem verso” huma sintetikament is-segwenti:

1. L-arrikkiment;

2. Il-vinkolu tal-kawzalita’;

*3.* Il-karattru ingust ta’ l-arrikkiment;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti kif fuq esposti jistabbilixxu bl-aktar mod skjett li l-konvenut arrikkixxa ruhu bl-ammont ta’ flus li s-socjeta’ attrici avvanzatlu biex hu jkun jista’ japprofondixxi l-edukazzjoni tieghu;

Illi stante li jirrizulta li l-konvenut ma ottemperax ruhu ma’ l-obbligi minnu liberament accettati, allura d-difiza tieghu ma treggix;

Ghaldaqstant din il-qorti filwaqt li tirrespingi l-eccezzjonijiet tal-konvenut takkolji t-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenut Michael Balzan biex ihallas lis-socjeta’ attrici Malta Information Technology & Training Services Limited

l-ammont ta’ tlett elef, tlett mija u tnejn u disghin Lira Maltin (LM3,392.00,0), bl-ispejjez u bl-imghaxijiet dovuti skond il-ligi.”

Kontra din is-sentenza l-konvenut iressaq b’aggravji dan li jsegwi:-

(1) L-ewwel Qorti ma ndagatx bir-reqqa dwar l-eccezzjoni tieghu illi l-klawsola 2.01 tal-“Contract of Service” kienet tissupera kull tip ta’ ftehim iehor, kompriz allura l-Form of Undertaking li sar fl-1994. Huwa jsostni dan anke ghaliex dan l-ahhar imsemmi ftehim kellu jsir haga wahda mal-kuntratt ta’ impjieg u f’dan il-kaz dan ma sarx.

(2) L-appellant jikkontendi inoltre illi l-kumpanija attrici ma pprovatx l-assunt taghha kif formulat fl-avviz illi l-konvenut accetta li ghandu jaghti l-ammont mitlub. Dan ghar-raguni illi gie stabbilit illi l-firma fuq id-dokument a fol 2 ma kienetx tikkorrispondi ghal dik tieghu.

(3) L-ewwel Qorti naqset li tiehu in konsiderazzjoni r-raba’ eccezzjoni tieghu. Huwa jafferma li s-sitwazzjoni fattwali li spicca fiha kienet wahda li ma tinkwadrax ruhha fl-ambitu tal-klawsoli 6, 7 u 8 tal-Form of Undertaking.

(4) Il-Qorti iddecidiet zbaljatament meta applikat ghal kaz il-principju “de in rem verso”. Dan in kwantu t-talba attrici kienet kjarament tirrizulta minn skrittura mentri invece r-regola ta’ l-arrikkiment ingust toffri biss rimedju sussidjarju.

Ghal dawn l-aggravji s-socjeta` attrici wiegbet in succint bil-mod infraskritt:-

(1) L-interpretazzjoni akkordata mill-konvenut hi wahda skorretta. Hi ssostni li wiehed ghandu jhares lejn in-natura tal-kuntratt. Dan fis-sens illi mentri d-dicitura tal-Contract of Service fi klawsola 2.01 kienet intiza biex tabroga kull kuntratt konsimili iehor li sar qabel, il-Form of Undertaking kienet tirregola l-borsa ta’ studju. Iz-zewg

kontrattazzjonijiet kienu ghalhekk jikkontjenu raison d'etre separat wiehed mill-iehor.

(2) Il-Contract of Service tas-27 ta' April 1998 ma kienx intiz u ma kellux ikun interpretat illi l-Form of Undertaking, ossija l-obbligazzjonijiet naxxenti minnu, ma baqghax imperanti. Mod iehor ikun difficli kif l-appellant jispjega illi sahansitra wara l-iffirmar tal-Contract of Service hu baqa' jircevi pagamenti ai termini tal-Form of Undertaking, offra hlas b'rizarciment skond din l-istess skrittura, u espressament jirriferi ghal "three year binding period" fl-ittra tieghu tat-13 ta' Marzu 2000. Skond is-socjeta` appellata dan l-atteggjament tal-appellant jikkontrasta ghal kollox mal-impressjoni li jittanta jaghti l-appellant fir-rikors tal-appell tieghu.

(3) Il-Form of Undertaking kien intiz li jikkonvivi mal-kuntratt ta' impjieg u jibqa' wkoll effettiv nonostante t-terminazzjoni tal-Contract of Service. Dan johrog car mill-qari ta' klawsoli wiehed (1) u hdax (11) tal-istess Form of Undertaking.

Premessi l-aggravji u r-risposta ghalihom, il-fatti tal-kaz jidher li huma pressapoco sew riprodotti fis-sentenza appellata u mhux il-kaz ghalhekk li dawn jergghu jigu hawn replikati. Biss il-Qorti jidhrilha li ghandha temfasizza certi aspetti tal-provi, kif emersi mid-deposizzjoni tal-appellanti, in kwantu dawn jissottolinejaw l-atteggjament difensjonali tieghu ghat-talba attrici.

Fl-ittra tieghu datata 13 ta' Marzu 2000 (fol 44) l-appellanti jirrikonoxxi illi l-perijodu ta' tliet snin ta' mpjieg precizat fil-Form of Undertaking kien vinkolanti fuqu u kien ghalhekk li hu ghamel offerta ta' hlas. Huwa jispjega pero` illi dan ir-rikonoxximent u din l-offerta ghamilhom fi spirtu tat-trattattivi li kienu qed isiru u biex tinstab soluzzjoni. Izid jiddikjara pero` illi gjaladarba s-socjeta` attrici ma riedetx tirrikonoxxi l-perijodu ta' sentejn xoghol li matulhom il-kors kien wieqaf huwa ma kellux alternattiva hlief li jirrikorri ghall-klawsola kontrattwali 2.01 li skond hu kienet tiskagonah minn kull addebitu ta' hlas versu l-kumpanija (fol 61). Il-Qorti, bla tlaqliq, tosserva li dan ir-ragonament

jippekka u tqisu deficjenti, jekk mhux ukoll, pwerili ghax ma jhallix lok ghall-interpretazzjoni serja u oggettiva tal-materja.

Dan maghdud, il-Qorti tghaddi biex taghmel dawn ir-riflessjonijiet guridici preliminari in materja ta' interpretazzjoni tal-kuntratt in generali, kif ukoll ghall-kaz partikolari:-

1. Il-process interpretattiv ghandu jkollu l-iskop li jiddetermina l-intent prattiku prosegwit mill-partijiet. Dan anke indipendentmenet minn "nomen juris", ossija l-kwalifika, li l-partijiet jattribwixu lill-ftehim ta' bejniethom. Kif rikonoxxut, "la natura di un contratto e gli effetti legali che ne risultano non si determinano dalla sua denominazione, o dalla qualita` assunta dai contraenti ma dalla sostanza dello stesso e dallo scopo che se ne ebbe stipulando, non che da altri atti che ne fanno riferenza se ve ne sono" (**Kollez. Vol XII pagna 348**).

2. Fl-indagini li trid issir tal-volonta` komuni jokkorri li jigu ricerkati dawk l-elementi sufficjenti tal-intenzjoni rispettiva konfluwiti f'din l-istess volonta` komuni, esterjorizzata f'patt jew pattijiet ben definiti.

3. Huwa minnu f'dan il-kaz li l-Contract of Service tas-27 ta' April 1998 (fol 10), regolanti l-kuntratt ta' impjieg tal-konvenut, jikkontjeni l-klawsola generika 201 li tippreciza li dak il-kuntratt "constitutes the entire contract between the parties". Dan pero` ma jistghax jitqies zvinkolat ghal kollox mill-komportament komplessiv li jabbraccja fih ukoll il-"Form of Undertaking" in kwantu anke din l-iskrittura ta' ftehim isservi ghall-indagini ta' x'kienet l-intenzjoni komuni tal-partijiet li stipulaw il-kuntratt. Il-Form of Undertaking ghandu allura jitqies bhala parti integranti tan-negozju guridiku shih intervenut u konkjuz. Dan jidher wara kollox li hu hekk rikonoxxut ukoll mill-konvenut appellant meta x-xhieda tieghu tigi valutata fil-perspettiva logika taghha, svixxerata minn kull tentattiv jew difiza mahsuba biss biex wiehed sempliciment jehles mill-obbligi tieghu.

4. Hu veru li l-kompitu tal-gudikant hu dak li jillimita ruhu fl-ewwel lok ghas-sens letterali tal-kliem in kwantu l-volonta` komuni tal-partijiet temergi b'mod cert u immedjat mill-espressjonijiet adoperati, u b'mod li allura l-element letterali jassorbi u jezawrixxi kull kriterju iehor ta' interpretazzjoni. Jokkorru pero` sitwazzjonijiet fejn jinhass opportun li l-gudikant jiddiskosta ruhu, anke jekk mhux ghal kollox, mill-kontenut letterali biex jaghti esplicita konsiderazzjoni lill-intenzjoni. Dan ghall-fini li jsib b'mod sufficcjenti u sodisfacenti l-vera volonta` negozjali tal-partijiet. Jigi allura li f'certi cirkostanzi l-kriterju nterpretattiv prevvist fl-Artikolu 1003 tal-Kodici Civili ikun konkorrenti, u mhux sempliciment sussidjarju, ghall-interpretazzjoni letterali stabbilita fl-artikolu 1002 tal-istess Kodici. Dan fejn it-test apparentement car jista' ma jkunx hekk di fronte ghall-imgieba diversa tal-partijiet li jistghu jkunu ntendew ir-rapport taghhom f'sens iehor. Ara **Kollez. Vol XXXIV pI p27**.

Rigwardati fl-ambitu ta' dawn ir-riflessjonijiet, jew ta' uhud minnhom, il-provi fil-kaz in ispecje jwasslu, fil-fehma tal-Qorti, ghal dawn l-osservazzjonijiet:-

(i) Jirrizulta li fl-1994 intlahaq ftehim bilaterali bejn il-kontendenti meta l-appellant applika, skond sejha tal-kumpanija attrici, biex ikompli l-istudji tieghu u l-applikazzjoni tieghu ntlaqghet (ara ittra fol 37) u hu segwa kors imniedi mill-Anglia Polytechnic University.

(ii) Inter alia, dan il-ftehim (fol 3) kien jipprovdi li l-konvenut applikant kellu jservi lill-kumpanija ghall-perijodu ta' tliet (3) snin minn meta jtemm il-kors ta' studji. Jekk jonqos li jaghmel dan kien tenut jirrimborsa lill-kumpanija "that part of the tuition fees reflecting the proportion of the binding period not worked" (klawsola 8).

(iii) Kif maqbul bejn il-partijiet il-kors ta' studju intemm fit-28 ta' Lulju 1999 (ara verbal a fol 48). Dan ghaliex fil-frattemp bejn il-bidu u t-tmien tal-kors kien inqala' dizgwid bejn l-Universita` estera u r-rapprezentant lokali taghha f'Malta. Tliet xhur fuq li ntemm il-kors il-konvenut ittermina volontarjament l-impjieg tieghu. Ara ittra tal-appellant

datata 22 ta’ Settembru 1999 (fol 39). Is-socjeta` attrici allura interpellatu jonora l-obbligu minnu assunt fl-iskrittura ossija l-undertaking tal-20 ta’ Lulju 1994. Ara ittri fol 40, 42 u 43 tal-process.

(iv) Skond l-appellant l-uniku vinkolu li kien jorbtu kien il-Contract of Service u mhux il-Form of Undertaking. Dan isostnih mill-interpretazzjoni li hu jaghti lill-klawsola 2.01 tal-kuntratt ta’ impjieg tas-27 ta’ April 1998 (fol 33). Fl-istess waqt jirrikonoxxi li kien hemm il-Form of Undertaking li kien jimporta l-obbligazzjoni lil jsegwi l-kors u li hu jintrabat li jservi lill-kumpanija ghal 3 snin mat-tmien tieghu. Ara ittra tieghu datata 13 ta’ Marzu 2000 (fol 44). Jaccetta wkoll li hu naqas li jadempixxi din l-ahhar imsemmija obbligazzjoni tieghu. Kien effettivament minhabba dan l-inadempiment tieghu li l-kumpanija affrontatu bis-sejha ghall-hlas konformement mal-impenn assunt.

(v) Indubbjament, ghalhekk, meta jittiehed qies tal-fatt tas-sejha ghall-applikazzjonijiet li ghaliha l-konvenut irrisponda u gie accettat, tohrog cara l-accettazzjoni tieghu, del resto sottoskritta minnu, li hu jsegwi mhux biss dak il-kors, li l-kumpanija obbligat ruhha li tissussidja u ssostni, sahansitra bi hlas anke wara t-tmiem tal-kors, izda li, ukoll, hu jintrabat ghal tliet snin ta’ impjieg mal-kumpanija. Il-ftehim tal-1994 kien ghalhekk wiehed ‘ad hoc’ bejn il-partijiet li bih l-impjegat, in konsiderazzjoni tal-fatt li l-principal tieghu kien ser jibghatu kors, huwa accetta u obbliga ruhu li flok li jista’ jitlaq mill-impjieg meta jrid u joghgbu, jassikura li jaghti s-servizz tieghu lill-employer ghal tliet snin. (Ara “**Anthony J. Bartolo noe -vs- Dominic Saywell**”, Appell Civili, 14 ta’ Settembru 1988.

(vi) Gie pprovat illi filwaqt li s-socjeta` attrici appellata adempiet il-parti tal-obbligazzjoni taghha billi hallsitlu ghal kors mhux l-istess jista’ jinghad ghall-konvenut appellant li ddecieda wara biss tliet xhur mit-tmiem tal-kors li jirrizenja mill-impjieg.

(vii) Korrettement, allura, l-azzjoni attrici hi konsegwenzjali ghal din l-inadempjenza tal-konvenut li ghalkemm kien irceva l-beneficcju tal-kors naqas imbaghad milli jirrendi l-prestazzjoni ta' xoghlu lis-socjeta` appellata. Skond il-ligi inadempiment bhal dan jissarraf f'danni ghax, kif saput, "hi massima generali li l-obbligazzjonijiet li ma jikkonsistux "nel dare", imma jikkonsistu "nel fare" jirrizolvu ruhhom f'danni u nteressi meta d-debitur ma jadempix l-obbligazzjoni tieghu, ghaliex "nemo precise cogi potest ad factum"." (**Kollez. Vol XLI pII p1141**). F'dan il-kaz dawn id-danni huma dawk imfissra fi klawsola 8 tal-Form of Undertaking. Ftehim dan integrattiv mal-Contract of Service tant li kellu jitqies ukoll inattakkat u operattiv anke f'kaz ta' tmiem tal-istess Contract of Service.

(viii) Dak il-ftehim allura kellu jigi ezegwit b'buona fede. Din hi ukoll fonti integrattiva tal-kuntratt (Art 993 tal-Kodici Civili) u allura n-nuqqas taghha tiggenera r-responsabilita` kontrattwali f'kaz ta' inadempiment tal-obbligazzjoni.

(ix) Il-kuntratt ta' impjieg kellu jitqies allura "quid unum" mal-Form of Undertaking billi l-"quid pro quo" ta' din kellu jissarraf fl-obbligu tal-prestazzjoni ghaz-zmien specifikat.

(x) Fic-cirkostanzi, ghalhekk, din il-Qorti ma tistghax taccetta l-argoment tal-appellant illi r-rikonoxximent tieghu tal-Form of Undertaking u l-offerta tieghu tal-hlas kif assommata minnu saru merament bl-iskop ta' soluzzjoni bonarja u mhux ukoll in konsegwenza ghal konsiderazzjoni illi hu stess kien koxjenti illi dak l-undertaking assunt minnu kien ghadu vinkolanti fuqu. Lanqas ma tista' taccetta l-pretiza illi l-kumpanija kellha tikkunsidra fil-kalkolu taghha z-zmien li fih il-kors kien wieqaf bhala zmien ta' mpjieg, gjaladarba kellu jkun ovvju, u daqstant iehor car, anke ghall-appellant, illi t-terminu stipulat ta' tliet snin kellu jibda jiddekorri minn wara li jintemm il-kors.

Anke allura kieku wiehed kellu jinjora kemm id-dokument a fol 2 riferibilment ghall-allegata accettazzjoni da parte tal-konvenut tas-somma reklamata, u r-ragonament ta' l-

ewwel Qorti dwar l-applikabilita` tar-regola “de in rem verso”, li fil-verita` ma ticcentra xejn mal-vertenza, purament wahda ta’ indoli kontrattwali, xorta wahda l-konkluzjoni tibqa’ dik li ghall-inadempjenza tieghu l-appellant ghandu jbati l-konsegwenzi precizati fi klawsola 8 tal-Form of Undertaking.  Klawsola din markatament operattiva u applikabbli ghal kaz in disamina.

Ghall-motivi kollha premessi din il-Qorti ma ssib l-ebda gustifikazzjoni biex takkolji l-appell interpost, anke jekk taccetta l-aggravju li l-principju “de in rem verso” ma kienx japplika fil-kaz in ispecje.  Ghaldaqstant filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata fil-meritu tordna li l-ispejjez anke ta’ din l-istanza jitbatew mill-appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------